# KUNSILL LOKALI — LOCAL COUNCIL

**BORMLA**
*Citta' Cospicua*

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Bormla**

**Is-8 LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 02/2023 (laqgha b'urgenza)**

7 ta' Frar 2023

Il-Kunsilli Lokali Bormla ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2A, The Rest, Pjazza Santa Margerita, Bormla, fis-2:00 ta' filgħaxija.

## PREŻENTI:

| | |
|---|---|
| Marco Agius | – Sindku |
| Johann Scerri | – Kunsillier |
| Martin Vella | – Kunsillier |
| James Cauchi | - Kunsillier |
| Melanie Agius | - Kunsilliera |
| Rita Gatt | - Kunsilliera |

Membri tal- Pubbliku: (0)

## ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Noyah Spiteri Hammett – Vici-Sindku

## ASSENTI:

Nil

## UFFIĊJAL PREŻENTI:

Duncan Hall – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sur Marco Agius ,Sindku,  ippresjediet il-laqgħa

## 02.1 Qari ta' ittri ta' apoloġija

02.1.1 Is-Sa. Noyah Spiteri Hammett baghtet ittra li permezz taghha talbet lill-Kunsill Lokali jiggustifika n-nuqqas taghha mis-seduta ghal ragunijiet ta' xoghol. Wara diskussjoni libera, kien hemm qbil illi n-nuqqas tal-Kunsilliera Spiteri Hammett kellu jigi meqjus bhala gustifikat.

## 02.2 Immaniggjar ta' skart

2.2.1 Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi hekk kif ippjanat, fit-2 ta' Jannar 2023 bdiet tithaddem is-sistema l-gdida ta' mmaniggjar ta' skart fuq bazi regjonali. Is-Sur Agius zied jghid illi fir-rigward illi kien jidher illi s-sistema kienet qieghda tiffunzjona, kien hemm bzonn li jkun hemm diskussjoni rigward il-bins-on-wheels. Is-Sur Agius sahaq illi dawn ma kienux gew inkluzi fid-dokument tas-sejha ghall-offerti  u wara li kienet intalbet stima lill-kuntrattur rispettiv mir-Regjun Port, gejna infurmati illi kull bin-on-wheel kien ser ikun qieghed jiswa €300 + Vat fix-xahar

2.2.2 Is-Sindku sahaq illi wara li kien iddiskuta l-materja mas-Segretarju Ezekuttiv, li min-naha tieghu kien gibed l-attenzjoni dwar il-fatt illi l-ispiza kienet ser titla' b'mod konsiderevoli, huwa kien tal-opinjoni li l-Kunsill Lokali jara l-htiega attwali ta' kull bin-on-wheel li kien hemm fil-lokalita'.

2.2.3 Segwiet diskussjoni libera, li matulha kien hemm qbil bejn il-Kunsilliera prezenti illi kellhom jitnehhew numru ta' bins-on-wheels u jibqghu biss bins-on-wheels li kien hemm fi Triq l-Irlandizi (x1), Fuq Verdala (x1) u San gwann t'Ghuxa (x1)

2.2.4 Gie deciz ukoll illi s-santwarju  tal-qtates CSAF, kellu jigi pprovdut bin-on-wheel ghal perjodu ta' xahrejn.

**Aggornament tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss**

Is-seduta giet fi tmiemha fis-2:45p.m. wara li giet ezawrita l-agenda

Konfermati, illum <u>23 ta' Frar, 2023</u>

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| ____________________ | _________________________ |
| **Marco Agius** | **Duncan Hall** |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |